# L-oriġini tal-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat tal-Imdina

## *Ikompli mal-ħarġa tal-2018*

KUMMISSJONI FESTA ESTERNA
SAN ĠUŻEPP – RABAT MDINA
1844 – 2019

Joseph Sultana



### Il-Mużika fil-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa

Qabel ma nibda nagħti dettalji fuq il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira nixtieq nikteb xi ħaġa fuq il-mużika li kienet takkumpanja l-funzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa. F'din il-knisja minn dejjem kellna x-xorti li f'dawn il-funzjonijiet jew ċelebrazzjonijiet liturġiċi tal-passjoni u l-mewt ta' Kristu kien ikollhom akkumpanjament ta' mużika li tkompli ddaħlek fl-ispirtu ta' kompassjoni. Kant ta' *Improperia* fuq sfond Gregorjan kien jakkumpanja dawn iċ-ċelebrazzjonijiet minn kor magħmul mill-patrijiet jew novizzi Franġiskani. Dan insibuh f'dokumenti ta' 1680 li kienet torganizza *il Procura del Venerdi Santo* fil-funzjonijiet tal-*Venerdi di Quaresima* speċjalment *durante la Settimana Santa* fejn kienu jitkantaw *Salmi del Miserere* u kant ieħor tas-*Secondi Vespri* u Antifoni bħal-*Christus factus est*. Kant u mużika oħra li jissemmew huma bħal innijiet *Vexilla Regis* u Responsorji mid-Divin Uffiċċju.[124]

Fis-seklu tmintax il-Fratellanza ta' San Ġużepp kellha ix-xorti li fi ħdanha kellha lil kompożitur kbir Rabti fuq il-mużika stil Barokk li bil-kompożizzjonijiet tiegħu għamel unur kemm lil pajjiżna kif ukoll fl-Ewropa. Mro Don Benigno Zerafa huwa meqjus mill-studjużi tal-istorja mużikali bħala l-aktar prominenti fil-gżejjer Maltin. Twieled fl-1726 u miet fl-1804, kien il-ħames wild mit-tmien ulied ta' Nicola u Teresa Zerafa fejn kienu joqogħdu fi Triq l-isptar Santu Spirtu, f'dak iż-żmien imsejħa *Strada del Signor Manduca*[125]. Ta' tmintax-il sena laħaq *Maestro di Cappella* tal-Katidral wara studju ntensiv fl-1738 taħt il-kompożitur Malti Girolomo Abos fil-konservatorju mużikali *Poveri di Gesu' Cristo* ta' Napli.[126]

Don Benigno Zerafa kien marbut b'mod mill-aktar attiv fi ħdan il-Wisq Antika Arċikonfraternità ta' San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina. Benigno kien fratell attiv fi ħdan din il-Fratellanza kien maħtur konsultur flimkien ma' ħuh Fra Giovanni Battista fejn dan wara laħaq segretarju tal-Fratellanza. Kien maħtur ukoll mastru tan-novizzi li f'dawk iż-żminijiet kien jieħu ħsieb dawk il-persuni li jkunu qegħdin jitħejjew biex jipprofessaw bħala fratelli fi ħdan l-imsemmija Arċikonfraternità. Wara kien ġie maħtur Prim Assistent Rettur fejn wara xi żmien inħatar sekond Rettur. Waqt li kien f'din il-kariga ġie maħtur wieħed mill-erba' Prokuraturi tal-Ġimgħa l-Kbira, fejn dam f'din il-kariga mill-1762 sa 1771. Wara dawn il-karigi ġie maħtur konsultur u fl-istess ħin *ammoritore*.

Fiż-żmien li dam Prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira, uħud mill-vari tal-Passjoni ġew restawrati mill-ġdid. Infatti Benigno Zerafa qabbad personalment lir-restawratur u artist Ġużeppi Gatt b'nefqa ta' disa' skudi u tmin tari, il-pagament tqassam f'darbtejn wieħed fl-14 u l-ieħor fi-19 ta' Diċembru ta' 1765. Kif spjegajna aktar qabel kien f'dan iż-żmien li saret mill-ġdid l-urna artistika skolpita fl-injam tal-Monument ta' Kristu mejjet.[127]

Ix-xogħlijiet mużikali tiegħu huma miżmuma



***Kopożizzjoni ta' Don Benigno Zerafa, tal-1763 għall-Ġimgħa Mqaddsa Responsori della Settimana Santa. (Bil-kortesija ta' l-Arkivju tal-Katidral.)***

fl-arkivju tal-Mużew tal-Katidral fl-Imdina, fejn ilaħħqu madwar mija u sittin, kollha kompożizzjonijiet sagri. Infatti dan il-kompożitur bravu jolqot il-ħtiġijiet kollha tar-riti liturġiċi tal-knisja. Dawn ivarjaw minn, quddies u salmi, motetti, antifoni, litaniji, innijiet u sekwenzi għall-kor.[128] L-aktar li jinteressana huma mużika sagra għall-Ġimgħa Mqaddsa li huma żewġ responsorji li wieħed kitbu fl-24 ta' Marzu 1746 għal sopran, alto, tenur, u baxx u sopran u baxx *ripieno* u orgni. U l-ieħor miktub fl-1763 għal żewġ korijiet ta' sopran, alto, tenur, baxx u orgni. Insibu ukoll li fl-1754, ikkompona l-*Improperia per il Venerdi Santo u l-Miserere* komposti għal sopran, alto, tenur, baxx u baxx *ripieno,* u orgni.[129]




**Kompożizzjoni oħra ta' Don Benigno Zerafa tal-1754 għall-jum il-Ġimgħa l-Kbira, Improperi del Venerdi Santo.**
**(Bil kortesija tal-Arkivju tal-Katidral.)**

F'dawn il-funzjonijiet kemm tar-Randan u kemm tal-Ġimgħa Mqaddsa għal snin sħaħ Don Benigno Zerafa flimkien mal-prokuraturi oħra li kienu mużiċisti bħal Ġiuseppe Alford, li kien vjolinista, mastru Awrelio Azzopardi ħu l-kompożitur magħruf ieħor Francesco Azopardi kienu jagħmlu dan ix-xogħol mużikali *gratis*. Ta' interess ukoll insibu li bejn l-1770 u 1771 wieħed mill-prokuraturi kien l-istess il-famuż kompożitur ċelebri Francesco Azopardi, li kien fratell fi ħdan l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Dan barra li kien jieħu ħsieb flimkien ma' Mro Benigno Zerafa l-mużika fil-funzjonijiet kien jieħu ħsieb il-mużika fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.[130] Dan ser nitkellmu aktar 'il quddiem fid-dettall meta niġu għall-mużika li kienet tindaqq fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Mal-medda tas-snin din il-mużika Barokka fil-jiem tal-Ġimgħa l-Kbira tidher li mietet mewta naturali mal-mewt ta' dawn iż-żewġ kompożituri kbar. Hekk naraw li reġa' daħal il-kant tal-*Improperia u l-*Gregorjan iffurmat minn kor kantat mill-Patrijiet Franġiskani, bħalma kien isir kemm fis-seklu sittax u kemm is-seklu sbatax. Fis-seklu għoxrin insibu il-kor *Schola Cantorum* magħmul minn patrijiet, novizzi u anke studenti Franġiskani.[131] Dan il-kor jidher li baqa' jiffunzjona sal-1968 fejn wara ġie mwaqqaf il-kor *St Francis of Assisi* li għadu jiffunzjona sal-ġurnata tal-lum.



**Il-kor Schola Cantorum iffurmat minn patrijiet, novizzi u studenti. Ritratt meħud fl-1963 għall-festi tal-Inkurunazzjoni ta' San Ġużepp ix-Xiħ.**

## Il-Purċissjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu

Kif rajna aktar qabel il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat għandha storja twila ta' eżistenza. Sal-ġurnata tal-lum din għadha waħda mill-aktar imfittxija minn bosta pellegrini u dilettanti li kull sena jagħmlu appuntament f'din il-ġurnata.

Fl-antik din il-purċissjoni kienet differenti ħafna minn kif nafuha llum, kienet aktar ta' devozzjoni u anqas spettakulari. Illum forsi din il-purċissjoni tal-passjoni tilfet il-karattru liturġiku li kien jinħass aktar fl-imgħoddi, u saret pageant attraenti. L-interess kbir fl-organizzazzjoni ta' din il-purċissjoni mill-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp kien dejjem kbir. Kif rajna mill-bidu nett kien hemm *Procura del Venerdi Santo* fejn kienu jieħdu ħsieba erba' prokuraturi tal-Ġimgħa l-Kbira. Fl-1832 il-Fratellanza biex tqajjem aktar interess f'din il-purċissjoni waqqfet għaqda tal-Ġimgħa l-Kbira bl-ewwel prokuratur ikun Feliċ Taliana, Rettur kien Alessandro Tanti.[132] Mill-aktar żmien

antik din il-purċissjoni kienet toħroġ fit-tmienja ta' filgħaxija u kienet tieħu tul mhux ħażin, infatti kienet tidħol madwar nofsillejl. Ma ninsewx li din il-purċissjoni kienet tidħol fil-belt antika tal-Imdina. Ix-xjuħ tagħna jiftakru ukoll li s-salib tal-Vara l-Kbira l-qadima kellu ċ-ċappetti peress li kien jintrewa lura, biex b'hekk kienu jkunu jistgħu jgħaddu bil-vara mill-bieb prinċipali tal-Imdina. F'dokument ta' 18 ta' April tal-1816 hemm miktub l-ispiża li nefaq il-Kunsill ta' Università tal-Imdina biex seta' jdawwal l-inħawi tal-uffiċċini tiegħu minn fejn għaddiet il-purċissjoni, fejn kienet ta' *2 Scudi 4 Tari. Ezito spese diverse 18 di Aprile 1816, p.35. Per la luminazzjone di quattro fiaccole inalzi al ufficio passando la processione da Venerdi Santo. Compleso la legno pezze Numeri otto. 2 scudi 4 tari.*[133] Kif rajna aktar qabel mill-1879 din il-purċissjoni bdiet tidħol fil-knisja Ta' Ġieżu fit-tmienja ta' filgħaxija. Dan sar b'ordni li kien ħareġ l-Isqof ta' Malta Mons. Carmelo Scicluna biex il-purċissjonijiet kollha tal-Ġimgħa l-Kbira kellhom isiru f'jum il-Ġimgħa l-Kbira u dawn kellhom jidħlu fit-tmienja ta' filgħaxija. X'kienet ir-raġuni ħadd ma jaf, iżda f'ċerti purċissjonijiet kienu qegħdin isiru xi abbużi.[134]

Prokuraturi li kellha din il-Prokura tal-Ġimgħa l-Kbira kollha raw kif ikabbru din il-purċissjoni u jibqgħu jżommu ħajja din it-tradizzjoni antika. Imma prokuratur li baqa' jissemma għal tibdil li wettaq f'din il-purċissjoni kien il-Baruni Giuseppe Depiro Gourgion, li fl-1900 żied ħafna kostumi ġodda u żviluppa iżjed il-purċissjoni skont l-Iskrittura, fejn biddel il-fiżjonomija tal-purċissjoni tar-Rabat minn kif kienu jafuha missirijietna. Dan it-tibdil malajr intgħoġob u wara ġie żviluppat mal-purċissjonijiet ta' Malta u Għawdex għaliex kienet xi ħaġa ġdida għal pajjiżna. Fost il-kostumi li ntroduċa Gourgion kienu Ġużeppi D'Arimatea, Nikodemu, suldati Rumani biċ-ċenturjun magħhom, tat-tanbur u tal-flawt li dawn insibhom li kienu ilhom żmien jieħdu sehem fil-purċissjoni, ġew imlibbsa l-kostum tas-suldati Rumani, nies libsin ta' Lhud u kostumi oħra Bibbliċi. Introduċa wkoll "It-Tronku" salib kbir magħmul mill-injam u l-kartapesta. Il-Baruni Gourgion kien isiefer ta' sikwit f'pajjiżi fejn il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira kienet issir b'solennità kbira bħal Spanja u Sqallija, fejn minn dawn il-pajjiżi ħa ħafna ideat.[135]


*Il-Baruni Giuseppe Depiro Gourgion (1845-1916)*

Il-Baruni Giuseppe Depiro Gourgion twieled fl-1845 u miet fl-1916 kien ġej minn familja nobbli li kollha kienu fratelli jew konsorelli fl-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Gourgion dam prokuratur mill-1880 sa ma miet fl-1916. Kien hemm ħuh ukoll prokuratur Alesandro Depiro u neputijiet Santo Depiro li dam mill-1898 sa 1918 u l-qaddej t'Alla Mons. Ġużeppi Depiro li dam bħala prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira mill-1906 sa 1918.[136]

Prokuratur ieħor li baqa' jissemma fl-istorja ta' din il-prokura kien Ġużeppi Azzopardi li biddel il-kostumi antiki kollha għaliex kienu fi stat ħażin ħafna. Ħoloq vestwarju bi drapp lussuż u rikk għall-personaġġi bħal rejiet, suldati, gvernaturi u daħħal personaġġi mit-Testment il-Ġdid u kemm mill-Qadim. Introduċa misteri ġodda bħal Bewsa ta' Ġuda u biddel misteri oħra bħall-Aċjomu u l-Għaxar Stazzjon li kienet fi stat li ma tistax titranġa aktar. Kompla wkoll jibdel bradelli u bankuni. Ġużeppi kien ħajjat prim u dan ix-xogħol ħadmu hu stess fejn kien wara x-xogħol idum sigħat twal u anke matul il-lejl fil-maħżen ifassal u jħit. Dam f'din il-kariga għal ħmistax-il sena, tant kien jieħu bis-serjetà din il-purċissjoni li kien magħruf bħala Ġużeppi tal-Ġimgħa l-Kbira.[137] F'dan iż-żmien għamilt għaxar snin naħdem ma' Ġużeppi billi kont nagħmel l-irtokk lil personaġġi qabel il-purċissjoni. Niftakar ukoll f'dawn iż-żminijiet fil-knisja konna intellgħu pageants fuq il-passjoni ta' Kristu; dawn kien ikollhom produzzjoni tal-mibki Patri Ġwann Abela O.F.M. fejn kienu jkunu ta' suċċess kbir, b'ħafna nies jimlew kull rokna tal-knisja.

Kull meta konna nitolbu xi kostumi, żimarri jew aċċessorji tal-purċissjoni lil Ġużeppi, dan mill-ewwel kont tarah ġej bihom biex ikompli jagħti l-għajnuna tiegħu għal dawn il-jiem li tant kienu għeżież għalih.


*Il-Prokuratur Ġużeppi Azzopardi*

Prokuratur ieħor li kompla fuq li ħalla Ġużeppi Azzopardi kien il-prokuratur Twanny Ċiappara li wara Ġużeppi dam għal aktar minn għoxrin sena sħaħ f'din l-kariga.

Kompla jżid il-vestwarju billi personalment xtara vestwarju mill-Art Mqaddsa u ġew restawrati l-vari kollha tal-Ġimgħa l-Kbira. Dawn il-vari ġew restawrati *gratis* mill-artisti u fratelli Michael Aġius, Carmelo Azzopardi u mill-awtur stess ta'



***Il-prokuratur Twanny Ċiappara flimkien mal-awtur ta' dan l-artiklu fl-2004 meta kien qiegħed jiġi restawrat il-Kurċifiss tal-vara l-Kbira.***

dan il-ktieb, Joseph Sultana. F'dawn l-għoxrin sena li dam prokuratur Ciappara kulħadd jiftakar kemm kien imexxi b'dixxiplina din il-purċissjoni, kellu ħafna għal qalbu l-oġġetti antiki li kienu joħorġu fil-purċissjoni fl-antik. Hu reġa' daħħal il-ħadid iddisinjat artistikament bil-globi kif kienu jintramaw fl-antik. Dawn skont kitbiet oħra, ġew magħmula wara t-tieni gwerra dinjija iżda fuq nota tal-ġurnal "il-Berqa" tal-1934 kienu f'din is-sena li ġew introdotti.

Fl-antik f'din il-komunità żgħira ġewwa r-Rabat kien hawn faqar kbir, imma xorta waħda din il-komunità Nisranija li ħabbet din il-ġrajja tal-mewt ta' Kristu ikkontribwiet mill-ftit li kellha. Għal dan in-nuqqas, ħafna drabi għamlu tajjeb in-nobli tal-Imdina li minn dejjem kellhom relazzjoni tajba u karigi għolja fi ħdan l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp.

L-akbar uġigħ ir-ras għall-Fratellanza, li mill-qedem kellha l-inkarigu li torganizza din il-purċissjoni, kienu kif ser tiffinanzja din il-purċissjoni tant twila u li tiswa ħafna flus. L-akbar spiża kienet tkun biex jiddawlu t-toroq kollha minn fejn tkun ser tgħaddi din il-purċissjoni, il-konsum tax-xemgħa f'dak iż-żmien kien jiswa mhux ħażin. Għalhekk kien jintuża kemm jista' jkun ħatab u njam għal din il-mixegħla. Fil-kapelli u f'diversi knejjes li minn quddiemhom tkun ser tgħaddi l-purċissjoni, jiġifieri kemm dawk ta' Santu Wistin, San Benedittu u San Franġisk, kien ikun hemm ukoll ħafna ħatab taż-żebbuġ merfugħ biex meta jkun ser jispiċċa l-ħatab iġibu aktar minn fejn ikun maħżun.[138] Dan mhux knejjes biss iżda anke djar privati u istituzzjonijiet governattivi kif rajna aktar qabel, li kienu joffru dan il-ħatab biex tkompli tiddawwal il-purċissjoni, niftakru li qabel it-toroq tagħna ma kinux imdawla kif inhuma llum. It-toroq kienu jkunu mżejna bi friegħi tal-palm u ż-żebbuġ, u jitqiegħdu tazzi taż-żejt jixegħlu u fjakkoli biex ikomplu l-mixegħla fit-toroq. Fl-Imdina kienu jitwaħħlu speċi ta' piramidi tal-ħadid mal-ħitan, fejn jitpoġġew it-tazzi taż-żejt. Tistgħu taħsbu xi ġmiel kienet toħloq din il-purċissjoni b'dak id-dawl ta' għadd ta' fanali ta' kull għamla, torċi, gandilabri u pilandri tal-ħġieġ ikkulurit. Dokument antik fil-knisja ta' San Mark jispjegalna dan, *nel giorno del Venerdi Santo si fara' la predica della Passione con la processione di notte tempo con gran luminiere rappresetando tutti i misteri della Passione*.[139]



***Ritratt antik ħafna fejn juri s-slaleb tal-ħġieġ jinġarru waqt il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.***

Illum hija ħasra li ħafna minn dawn il-fanali dekorattivi nqatgħu, xi oġġetti antiki li kienu uniċi f'din il-purċissjoni ġew distrutti kawża ta' negliġenza jew għax ma ġewx apprezzati biżżejjed. Oħrajn għal xi raġuni ħadd ma ried jerfagħhom jew għall-mistħija jew għax kienu tqal iżżejjed. Sa ftit qabel l-1950 kienu joħorġu erba' slaleb kbar tal-ħġieġ, Dawn kienu magħmula minn metal irqiq, iffurmati minn seba' blokki kwadri tal-ħġieġ b'xemgħat jixegħlu f'kull waħda li minn kull fejn tħares lejh jifforma salib jixgħel. Dawn kienu joħorġu mal-vara tar-Redentur. Kien hemm ukoll gandilabri b'reċipjenti tal-ħadid biex jitfgħu il-ħatab fihom u joħolqu fjamma kbira forma ta' torċa.[140] Dawn il-gandilabri kienu joħolqu aspett devozzjonali u sagru f'din il-purċissjoni. Jien niftakar erba' pilandri bi ħdax-il globu tal-ħġieġ li kienu joħorġu mal-Monument, dawn kienu tqal ħafna li ma baqgħux imfittxija mill-parteċipanti. Kien ikun hemm erba' pilandri b'ħames globi bi ħġieġ ikkulurit ma kull vara li llum spiċċaw ukoll. Niftakar ukoll mal-Monument kienu joħorġu sitt gandilabri kbar tal-injam indurati bid-deheb li llum ma baqgħux joħorġu. Dawn qegħdin jiġu restawrati biex jiġu gawduti fl-Oratorju ta' San Ġużepp. Biex nieħdu idea ta' kif kienu jikkonsistu dawn l-ispejjeż ser naraw il-kontijiet tal-*Veneranda Altre d'un nuovo standardo e del Venerdi Santo* ddatat 4 t' April 1763 sal-14 t'April 1771 dan it-tagħrif siewi dwar xi

ntefaq u kif kienet tiġi ċċelebrata din il-purċissjoni b'tant qima u devozzjoni fir-Rabat. Hekk ser naraw ukoll l-infiq fil-mużika fil-ġimgħat tar-Randan u fil-purċissjoni. Fl-1764 insibu ħlas ta' sitt tari lit-tenur Dun Ġużepp Tabone li ħa sehem fil-purċissjoni bil-kant tal-muttetti. Dun Diego Xicluna li bħal Dun Ġużepp Tabone kien attiv fil-kappella mużikali tal-Katidral, kien jakkumpanja l-purċissjoni bid-daqq tal-vjolinċell fejn kien tħallas tmien tari. Dan is-servizz żgur li baqa' jagħmlu sal-1771 bl-istess ħlas. Xicluna kien idoqq ukoll il-vjolin u s-servizz li għamel bid-daqq tal-vjolin fil-ġimgħat tar-Randan kienu *gratis*. Fl-1765, nerġgħu niltaqgħu ma' Dun Ġużepp Tabone li baqa' jagħti l-istess servizz iżda b'żieda għal ħlas ta' tmien tari. F'dik is-sena, niltaqgħu wkoll ma' ċertu Nino mlaqqam *Menu* li ħa ħsieb il-minfaħ tar-*regaletto* waqt servizz fil-ġimgħat tar-Randan. Ta' dan, ħa ħmistax-il gran. L-istess ħlas jidher fis-snin 1767 kif ukoll fis-sentejn ta' wara. Barra dawn il-ħlasijiet, kien hemm ukoll ħlas għat-trasport tar-*regaletto* fl-ewwel ġimgħa tar-Randan. Fl-1769 dan sewa għaxar grani. L-istess ammont sewa għat-trasport taċ-*cembalo* u l-kontrabaxx għas-sena 1771. F'dik is-sena, kien sar ħlas ta' skud lill-patrijiet Franġiskani għall-ministri u l-kor fiċ-ċelebrazzjoni tat-tliet quddisiet kantati solennament fit-tridu ta' Ħadd il-Għid il-Kbir. Spejjeż oħra konsiderevoli kienu li kważi kull sena, biex jiġu restawrati jew irtukkati l-vari tal-Ġimgħa l-Kbira jew issir xi waħda ġdida. Dan rajnieh aktar qabel meta l-prokuratur Benigno Zerafa fis-sena 1766 qabbad lil Ġużeppi Gatt pittur mill-Birgu, jirtokka sitt figuri tal-misteri tal-passjoni b'nefqa ta' disa' skudi u tmin tari. Fis-sena ta' wara 1767 kif rajna aktar qabel, ġie deċiż li jsir monument ġdid b'nefqa konsiderevoli. Għal dawn l-ispejjeż kollha kien hemm l-elemożina, din kienet ġabra għal ispejjeż. Dan kien isir mill-ġbir fl-Oratorju fis-sitt ġimgħat tar-Randan, mill-baċir fit-toroq tar-Rabat u l-Imdina, f'Ħadd il-Palm, kif ukoll minn quddiem il-knisja waqt l-omelija tat-tliet sigħat fil-Ġimgħa l-Kbira. Dħul ieħor kien isir mir-reffiegħa tal-lanterni u l-misteri, slaleb kbar kif ukoll mid-daqqaqa tat-tanbur. Eżempju ta' dan huwa li bejn l-1766 u 1770 id-daqqaq tat-tanbur kien ħallas bejn żewġ tari, u żewġ tari u għaxar grani biex ikun jista' jdoqq fil-purċissjoni. Għal sena partikolari dik tal-1768, id-daqqaq kien ħallas sitt tari - "*piu di tari 6 limosina da chi ha suonato il tamburo nella processione*".[141]

| *Sena* | *Dħul* | *Ħruġ* |
|---|---|---|
| *1764* | *9 skudi 3 grani* | *9 skudi 3 grani* |
| *1765-66* | *22 skud, 3 grani* | *27 skud, 2 tari u 6 grani* |
| *1767* | *14-il skud, 11-il tari u 2 grani* | *9 skudi 4 grani* |
| *1768* | *16-il skud, 4 tari u 18-il gran* | *5 skudi, 5 tari u 15-il gran* |
| *1769* | *11-il skud, 10 tari u 9 grani* | *28 skud, 8 tari u 7 grani* |
| *1770* | *28 skud, 8 tari u 4 grani* | *33 skud, 8 tari u 4 grani* |
| *1771* | *12-il skud, 11-il tari, 19-il gran* | *13-il skud, 4 tari u 14-il gran* |

## Il-Mużika fil-Purċissjoni

F'din il-purċissjoni minn dejjem kienet teżisti xi speċi ta' mużika, kemm dik strumentali u kemm dik ta' kant korali jew għanjiet li jmorru mal-okkażjoni tal-purċissjoni li tfakkar it-tbatija u l-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Min jistudja fuq il-purċissjonijiet tal-Ġimgħa l-Kbira bilfors irid jagħmel studju ta' din it-tradizzjoni f'pajjiżi bħal Spanja u Sqallija fejn din l-użanza hija bikrija u l-purċissjoni tagħna hija influwenzata b'mod indirett. Eżempju ta' dan huwa, nagħmlu mod, li jekk nieħdu l-purċissjoni ġewwa Zaragoza Spanja mijiet ta' fratelli fil-purċissjoni tas-*Semana Santa* joħorġu mill-knisja jdoqqu it-tnabar u oħrajn iċ-ċuqlajti. Il-kant tal-mutetti għadu jsir f'dawn il-purċissjonijiet, kemm ġewwa Spanja u kemm ġewwa Sqallija. L-ewwel żewġ strumenti li jissemmew f'din il-purċissjoni huma d-daqq tal-fifra, *piffara* u t-tanbur, *tamburo*. Dan juri l-qedem ta' din il-purċissjoni bikrija fil-gżejjer Maltin. Din l-użanza kienet ġejja mill-bandu li fit-tmexxija Muniċipali fil-belt kapitali ta' dak iż-żmien l-Imdina, fiż-żmien nofsani kien xi ħaġa ta' importanza kbira. Parti sewwa mix-xogħol tal-gvern muniċipali jinsab fil-bandi mħabbrin fil-pjazez tal-Imdina u fl-imsieraħ tar-Rabat. Is-servjent tal-ġurati, imsejjaħ ukoll *munterius,* kien jaqra l-amar tal-ġurati, b'rabta ma' bosta aspetti tal-ħajja ta' kuljum. Uħud mill-bandi kienu marbutin max-xogħol regolari tal-ġurat, bħal ngħidu aħna tħabbira ta' regolamenti ġodda, liġijiet ġodda, taxxi ġodda u fost l-oħrajn sentenzi ta' swat bil-frosta, għal min jikser il-liġi, ħabs u għar minnhekk sentenza tal-mewt.[142] Dawn il-bandi fis-seklu tmintax kienu ġeneralment jibdew fejn illum hemm il-pjazza ta' Xara Palace, fl-Imdina. F'din il-pjazza ma ġenb *il Corte Capitanale,* is-sede tal-ġustizzja nsibu *il Loggia dei Bandi* fejn il-banditur tal-belt kien iniedi l-liġijiet jew kif għidna, xi sentenza tal-mewt għal xi ħati.[143] Dawn il-bandi kienu jkunu akkumpanjati bi strumenti bħal *piffara* u t-*tamburo,* biex jiġbed lejhom il-miġemgħa li kienet tkun fit-toroq. Kien għalhekk li dawn l-istrumenti li bid-daqq ta' mużika kiebja tagħhom ispiraw lil *Procura del Venerdi Santo* li jintroduċu l-istrumenti

fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira f'data daqshekk bikrija, billi dawn jirrappreżentaw l-aħbar tas-sentenza tal-mewt u l-mixja lejn il-forka tiegħu jiġifieri, is-Salib ta' Sidna Ġesù Kristu. Ma ninsewx li wieħed mill-għanijiet tat-twaqqif tal-Fratellanza huwa li jakkumpanjaw l-ikkundannat għall-mewt u sad-difna tiegħu.



*Ritratt tal-1950 juri id-daqqaqa tal-fifra u t-tanbur bil-kostumi kif kien ħoloq Il-Baruni Depiro Gourgion.*

Din id-drawwa tant intgħoġbot li fis-seklu tmintax, fil-festa ta' San Ġużepp, daqqaqa tal-fifra u t-tanbur kienu jduru mat-toroq minn fejn tgħaddi l-purċissjoni biex b'hekk iħabbru li l-purċissjoni tkun waslet.[144] Din id-drawwa wara tferrxet mal-irħula kollha ta' Malta. F'dan il-perjodu tal-ħakma tal-Ordni ta' San Ġwann din ix-xorta ta' mużika bdiet taqbad sew l-art, dan għaliex kien iħabrek li jiġu mgħallmin dawn l-istrumenti lil kull min kien irid. Ma ninsewx li l-flotta tal-Ordni kull xini (galera) kellhom il-banda tagħhom. Dawn kienu jikkonsistu fi tnabar u strumenti oħra biex jingħataw is-sinjali u biex iferrħu l-ekwipaġġ fuq il-baħar.[145]

Jidher li lejn l-aħħar tas-seklu sbatax waqt il-purċissjoni kien jiġi reċitat ir-rużarju bil-misteri tat-tbatija, kien isir kant Gregorjan bħas-salmi *del Miserere*. Meta fil-knejjes dik tal-Agostinjani ta' San Mark u l-oħra tal-Franġiskani Konventwali jiġifieri dik ta' San Franġisk kien jidħol il-Monument bi Kristu mejjet kienu jitkantaw improperi bħal *Christus factus est*.[146] Hekk jidher li anke waqt il-purċissjoni l-kappillani tal-kor u l-abbatini tal-Katidral kienu jkantaw is-salmi *Miserere*. Ħafna drabi dan il-kant kien ikun akkumpanjat minn strumenti bħal vjolinċell, vjolini u anke xi fagott, dawn id-daqqaqa kienu komuni ħafna f'dan iż-żmien, għalkemm mhux kollha kienu ta' kalibru ta' mużiċisti gwappi.

Fil-bidu tas-seklu tmintax l-istil mużikali tal-Barokk, li kien il-moda ta' dak iż-żmien daħal ukoll fil-mużika tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Insibu strumenti tal-korda bħal vjolini, vjolonċelli, kontrabaxx u oħrajn bħal fagott. F'dak li huwa kant insibu t-tenur biex ikanta l-kant tal-mutetti u s-sopran alto u l-baxx. Ma' dawn kien ikun hemm il-kor tat-tfal imħallat mal-kant tas-saċerdoti u l-patrijiet. Kif semmejna aktar qabel il-kant tal-mutetti għadu jsir f'purċissjonijiet ġewwa Spanja u Sqallija. Imma f'dan is-seklu l-kant tal-*Improperia* baqa' għaddej xorta waħda. Dawn l-Improperji kienu innijiet li jirrakkuntaw fażijiet mill-passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu.

F'dan il-perjodu taż-żmien niltaqgħu mal-kompożitur ċelebri ieħor li għamel mhux biss unur lir-Rabat fejn twieled iżda lil Malta kollha. Mro Francesco Azopardi nsibuh bħala prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira bejn l-1770 u l-1771.[147] Missieru mastro Salvatore Azopardi kif ukoll ħu Francesco maestro Aurelio Azopardi kienu fratelli fi ħdan l-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp. Dawn ukoll kienu jokkupaw diversi karigi uffiċjali fi ħdan l-istess Fratellanza bejn l-1756 u l-1791. Għadna ma nafux jekk Francesco ikkomponiex xi mużika għal waqt il-purċissjoni. Iżda għall-festa tal-Patrijarka San Ġużepp ikkompona ġmiel ta' Antifona fl-1784, *Joseph Fili David* fejn hija l-aktar Antifona antika ta' San Ġużepp fl-Arkivju tal-Katidral. Din hija Antifona għal erba' vuċijiet, Sopran, Alto, Tenur u Baxx u orkestra żgħira ta' żewġ vjolini, żewġ obwe, żewġ korni u kontrabaxx. Fl-1787 ikkompona l-innu *Te Joseph Celebrant* għal vuċijiet u orkestra, dawn iż-żewġ kompożizzjonijiet kienu jindaqqu fil-knisja Ta' Ġieżu fil-festa ta' San Ġużepp waqt is-servizz liturġiku mill-Kapitlu tal-Katidral.[148] Francesco baqa' msemmi għall-kitba ta' trattat fuq il-mużika bit-Taljan bl-isem *Musico Prattico* li dan ġie tradott għal-lingwa Franċiża mill-kittieb, teorista u kompożitur Franċiż Nicholas Etienne Framery. Dan it-trattat ġie mfaħħar mill-kompożitur kbir tal-mużika Barokka Luigi Cherubini, fejn kiteb kemm hu ta' għajnuna għal min ikun qiegħed jitgħallem il-mużika.[149] Francesco wera kemm kellu għal qalbu l-Ġimgħa l-Kbira billi kiteb ukoll Oratorju mill-isbaħ "*La Passione di Cristo*" fejn hu stess iddebutta fit-Teatru Manuel fl-1782. It-trattat ta' dan l-Oratorju mużikali tant kien suċċess li kienu jistudjaw fuqu l-iskejjel tal-mużika Taljana u dik Ġermaniża, u l-*Conservatōire*



*Mro Franceso Azopardi (1748-1809)*

*National de Paris* adottah bħala t-test tiegħu.[150]

F'dik li hija mużika lejn l-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira huwa mdallam għal aħħar. Ftit li xejn sibna dokumenti, x'tip ta' mużika kienet tindaqq waqt il-purċissjoni. Żgur li f'dik li hija mużika ma kienx hemm qtugħ, anzi bdew deħlin elementi ta' baned bi strumenti tar-ram, tal-qasba flimkien ma' strumenti tal-korda li ġa konna nsibuhom fil-purċissjoni. Hawnhekk insibu li anke l-kjeriċi kienu jagħtu servizz mużikali fil-purċissjoni. Dawn il-mużiċisti kienu magħrufa bħala *sonatori del Rabbato* jew *Banda del Rabbato*. Uħud minnhom ta' ċertu livell, fosthom, kienu jdoqqu fil-Katidral u anke mal-baned militari tas-servizzi. Din il-banda tar-Rabat fl-1800 insibu li daqqet fil-Palazz ta' Vilhena fl-Imdina għall-Karnival fejn saret Akkademja, Kunċert u Ballu fejn tħallset ħames skudi u nofs.[151]



***Wieħed mill-ewwel ritratti tal-Banda L'Isle Adam, fejn jidher wieħed mill-mużiċisti bl-istrument tal-Korda.***

Mir-reġistru tad-dħul u ħlasijiet tal-Arċikonfraternità għas-snin 1827 sa nofs is-seklu dsatax tissemma' banda u ħlasijiet lil Mastru Giuseppe Agius-*per suono di banda cioe ai sonatori del Rabbato* magħhom kien hemm daqqaqa tar-reġiment li ma tħallsux. Qrib lejn nofs is-seklu dsatax reġa' ssemma Mastru Giuseppe Agius imwieled ir-Rabat li kien impjegat fil-kappella mużikali tal-Katidral bħala vjolonċellista bejn l-1829 sal-1862. Ftit li xejn nafu dwar il-banda ta' Agius jekk kellhiex l-istess element fil-banda *della Notabile*, li kienet tħaddan fiha ħdax il-mużiċista.[152]



***Il-Banda L'Isle Adam fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira ta' l-1950.***

Maż-żmien il-banda tar-Rabat ġiet magħrufa bl-isem "Il-Banda ta' San Ġużepp" dan għaliex l-istess bandisti kienu kollha fratelli ta' San Ġużepp. Meta fis-26 ta' Lulju 1869 element minn din il-Banda twaqqfet it-tieni Banda fir-Rabat taħt is-Surmast Epifanio Aġius, fejn bdew isibuha bħala l-Banda l-Ġdida, u wara ftit il-Banda Konti Ruġġieru. Fil-waqt li l-Banda San Ġużepp bdew isibuha l-Banda l-Qadima, iżda ftit wara din il-Banda l-Qadima għażlet l-isem għal ewwel Gran Mastru ta' Malta L'Isle Adam li kien għex fl-Imdina u miet fil-Kunvent tal-patrijiet Franġiskani f'Ta' Ġieżu r-Rabat.[153] Żgur li l-Banda *del Rabbato* hija kontinwazzjoni, jew prediċissura tal-Banda *Filarmonica Isle Adamo Notabile* kif kien jinkiteb fil-bidu dan l-isem. Din il-Banda sa mit-twaqqif tagħha fl-1860, taħt it-tmexxija ta' Mastru Indri Borġ li kien magħruf bħala l-*cieco* l-għama, dejjem kienet l-unika Banda li kellha sehem importanti mużikali fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

Fl-1879 l-Isqof Monsinjur Carmelo Scicluna pprojbixxa s-sehem tal-baned fil-purċissjonijiet għax ġie nnutat li ġemgħat ta' nies kienu qed jingħaqdu mal-baned u jimxu fin-nofs tal-purċissjoni u



***Il-kor tat-tfal subien li kien jieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.***



***F'dan ir-ritratt jidher il-kor u l-għalliem tiegħu Dun Kristin Żahra.***

joħolqu fratterija sħiħa, f'manifestazzjoni reliġjuża meta suppost hija purċissjoni devozzjonali. L-ordni episkopali ma kienx jgħid li l-banda ma tistax tieħu sehem imma ma tistax takkumpanja l-purċissjoni, iżda jdoqqu weqfin f'post partikolari waqt il-purċissjoni. Din l-ordni jidher li ma damitx ħafna għaliex fl-1892 il-baned kienu qegħdin jieħdu sehem attiv fil-purċissjoni. Qatt ma sibna din l-ordni



***Ritratt ieħor storiku tal-1950, il-kor ta' tfal subien biċ-ċipress f'idejgħhom qabel il-purċissjoni.***

kif effettwat il-Banda L'Isle Adam fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira iżda jidher li ġiet obduta bla ebda nkwiet.

Ma' din il-Banda sa ftit tas-snin ilu kien jieħu sehem kor ta' tfal subien, iżda wara nuqqas biex jinstabu aktar tfal għall-kor ġie deċiż fl-1969 li jibdew anke tfal bniet. Illum sfortunatament qiegħed ikun diffiċli biex tlaqqa' daqshekk tfal għal dan il-kor, f'din il-komunità żgħira it-twelid tat-tfal qiegħed dejjem jonqos. Jalla 'l quddiem nerġgħu naraw dan il-kor li kien isebbaħ il-purċissjoni bil-kant tiegħu. Żewġ persuni li dejjem stinkaw biex jgħallmu dan il-kor kienu Dun Kristin Żahra u ftit wara dan insibu lil Emanuel Stivala li twieled fl-1910 u miet 1987.

F'din il-purċissjoni l-Banda L'Isle Adam iddoqq marċi funebri li bil-mużika kiebja tagħha quddiem il-vara tal-Kruċifissjoni tkompli ddaħlek fl-ispirtu ta' niket għat-tifkira tal-mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Din il-banda għandha żewġ notturni bil-kant tat-tfal wieħed bl-isem *Popule Meus,* kompost minn Maestro Lorenzo Gatt li kien surmast tal-banda bejn l-1884 u l-1888, u l-ieħor bl-isem ta' *Eri Mancipio,* ta' Maestro Carmelo Camilleri li kien ukoll surmast tal-Banda L'Isle Adam bejn l-1888 u l-1894. Maestro Lorenzo Gatt kien ukoll *Maestro di Cappella* tal-Katidral Metropolitan għal 41 sena sħaħ. Fl-arkivju ta' din il-banda hemm għadd kbir ta' mużika funebre komposta minn għadd kbir ta' kompożituri li ħafna minnhom kienu surmastrijiet jew bandisti ta' din il-banda. Marċ funebri ieħor li baqa' jindaqq spiss f'din il-purċissjoni huwa *Vers le Calvaire* ta' Maestro Ġużeppi Stivala u aktar riċenti Kantata It-Triq tas-Salib ta' Maestro Joseph Galea li din indaqqet għal ewwel darba fil-knisja fl-2007.

Daqq ieħor li nsibu fil-Ġimgħa l-Kbira huwa dak tal-Iscouts. Ta' interess ngħidu li dan il-grupp ta' żgħażagħ tal-Boys Scouts tar-Rabat ġie mwaqqaf fl-1913, fejn dawn kienu soċji u bandisti mal-Banda L'Isle Adam. Infatti l-istandart tat-truppa ġie ppreżentat mill-Gvernatur Lord Matheun fil-Pjazza




*Kważi mill-bidu nett tat-twaqqif tal-Boys Scouts fir-Rabat kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira*

tas-Saqqajja nhar it-30 ta' Settembru 1913. Qabel il-preżentazzjoni tat-truppa ġiet immexxija mill-Banda L'Isle Adam mill-Imdina sas-Saqqajja fejn wara sar riċeviment fil-Każin tal-istess banda.[154] Fir-Rabat jidher li l-Iscouts mill-bidu nett tat-twaqqif tagħhom kienu jieħdu sehem fil-purċissjoni. Hekk naraw li dawn introduċew strumenti bħal trombi u bugles u tnabar. Fir-Rabat niltaqgħu ma' żewġ gruppi, wieħed fuq quddiem u l-ieħor idoqq l-Last Post bil-bugles tagħhom quddiem il-vara tar-Redentur. Illum jieħdu sehem ukoll il-Girl Guides.

## Referenzi


124 *Monografia Storica*. Giorgo Scerri. p.29, 30, 31.

125 Casha Anthony. *Mro Don Benigno Zerafa 200 Sena mill-Mewt. Leħen il-Komunità Ġużeppina-Rabat (2004).*

126 Dun Ġwann Azzopardi. *Biografija ta' Mro Don Benigno Zerafa 2002.*

127 *Libro Consulte B (1761-1784), p. 73-188.* Ms. *Conti d' un nuovo Monumento nel 1766: del Ven. Altare e del Venerdi Santo, com. anche dei Canoli d' argento dalli 15 Aprile 1771 fino li 31 Dicembre 1780,* ff. 1-15. Don Benigno Zerafa meta kien prokuratur fil-*Procura del Venerdi Santo* kellu miegħu żewġ prokuraturi oħra biex jiġbru għall-Monument il-ġdid. Dawn kienu Mastro Aurelio Azopardi (ħu Mro Francesco Azopardi u Mastro Modesto Sapiano.

128 Joseph Bondin. *Mro Benigno Zerafa*. Il-mewt bikrija ta' Pietro Gristi qajmet il-problema solita ta' min sejjer jimla l-post vakanti ta' *Maestro di cappella* fil-Katidral ta' Malta. Il-kariga prestiġjuża ta' *maestro di cappella* waqet fuq Mro Benigno Zerafa fl-1744 tlett ijiem qabel għalaq tmintax-il sena b'salarju annwali ta' 160 skud. Zerafa twieled ir-Rabat ta' Malta fil-25 ta'Awwissu 1726, il-ħames mit-tmien ulied ta' familja li kienet toqgħod qrib l-Isptar Santu Spirtu. Ta' disa' snin daħal kjeriku korista tal-katidral b'paga ta' għoxrin skud fis-sena. Fl-4 ta' Settembru, 1737, meta kellu ħdax-il sena laħaq tifel sopran, b'salarju annwali ta' tletin skud taħt Pietro Gristi. Meta spiċċa l-istudji tiegħu f'Napli, il-kompożitur Abos iċ-ċertifika lil-Zerafa bħala "Żagħżugħ b'abiltà mill-aqwa u kapaċi jagħmel kwalunkwe kompożizzjoni li tintalab minnu... u nassigura li dawk il-kompożizzjonijiet miġjuba minnu Malta huma xogħlijiet propji tiegħu miktuba minnu mingħajr għajnuna ta' ħadd." Zerafa ġie ordnat saċerdot minn idejn l-Isqof Paolo Alferan de Bussan fl-1750. Zerafa kellu karatru diffiċli, wara tilwima mal-Isqof de Bussan fl-1751, dan keċċieh minn *maestro di cappella*. L-Isqof ma setax isib sostitut għalhekk reġa' ta l-post lil Benigno Zerafa fl-1753. B'saħħet Zerafa sejra lura ħafna mix-xogħol waqa' għand il-kompożitur l-ieħor Francesco Azopardi iżda Benigno żamm il-post tiegħu. Meta saħħtu marret aktar ħażin il-kapitlu ħariġlu pensjoni u rranġalu li jirtira fl-istitut ta' Saura fir-Rabat. Miet fl-20 ta' Marzu 1804. L-għada l-katavru tiegħu ttieħed biex jindifen fil-Katidral tal-Imdina fejn il-mużika ta' Zerafa sebbħet għall-għexieren ta' snin.

129 Arkivju tal-Katidral, Imdina. A.C.M. Mus. 311. 312. 313. 314.

130 Noel D' Anastas. *Il-Mużika fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat bejn l-1764 u l-1771.*

131 Mill-ġurnal "Il-Berqa" tal-1934. Din l-informazzjoni għaddijieli is-Sur Jeremy Debono.

132 Duminku Micallef. *Il-Purċissjoni tal-Passjoni ta' Sidna Ġesù Kristu fir-Rabat.*

133 Librerija Nazzjonali Malta. *Treasury A 157 (15) 1816,* (Ħajr lis-Sur Winston Żammit li għaddieli din l-informazzjoni tant importanti għall-Arċikonfraternità ta' San Ġużepp).

134 Anthony Casha. *Il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat.*

135 *Ibid.*

136 *(Atti etc. nell' Archivio dei Consolidali).*

137 Micallef.

138 Scerri. p. 31.

139 Arkivju tal-Agostinjani Rabat Malta. Op. cit. fol 7. Ms. S. Marc. fol. 7v.

140 Minn tagħrif li għaddieli l-prokuratur Twanny Ciappara.

141 Noel D' Anastas. *Il-Mużika fil-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira fir-Rabat bejn l-1764 u l-1771. Leħen il-Komunità Ġużeppina-Rabat.*

142 Charles Dalli. *Iż-Żmien Nofsani Malti,* p. 211. 212. 213.

143 Tony Terribile. *Mdina the Old City of Malta.* Ara wkoll Biagio Galea *L-Imdina ta' Tfuliti.*

144 Noel D'Anastas. *L-attività mużikali fil-festa ta' San Ġużepp fis-snin sittin tas-seklu 18. Leħen il-Komunità Ġużeppina-Rabat 1997.*

145 Minn studju ta' Joseph Muscat, awtorità fuq l-istudju Marittimu.

146 Scerri. p. 31.

147 Noel D' Anastas.

148 Anthony Casha. *Għeluq il-200 sena mill-mewt tal-Mużiċista u Kompożitur Rabti Mro Francesco Azopardi, Leħen il-Komunità Ġużeppina-Rabat 2009.* Francesco Azopardi twieled ir-Rabat tal-Imdina fil-5 ta' Mejju 1748, iben il-mastrudaxxa Salvatore Azopardi u Anna mir-Rabat tal-Imdina. Mgħammed fil-knisja ta' San Pawl mir-Rev. Dun Pietru Attard fejn ġie mogħti l-isem Giovanni Battista, Agostino, Francesco, Giuseppe. Beda l-istudju mużikali tiegħu taħt il-kompożitur Malti Dun Mikiel Anġ Vella. Ta' 15 il-sena fl-1763 mar ikompli jistudja fil-Konservatorju rjali Mużikali ta' Sant' Onofrio f'Capuana, Napli taħt il-magħruf Mro Nicolo' Piccini. Wara erba' snin ikkwalifika bħala *maestro di cappella* fejn baqa' bħala għalliem tal-mużika f'Napli. Hu kien jgħallem fil-palazzi lill-familji nobbli u anke ġo diversi monasteri. Francesco kien imħajjar jiġi Malta mill-Kapitlu tal-Katidral fejn offrewlu li jagħmluh *Maestro de Cappella tal-Katidral* iżda meta ġie lura inħatar bħala l-organista bi dritt li fil-futur isir *Maestro de Capella.* Dan ġara għaliex Don Benigno Zerafa li kien ilu 30 sena bħala *Maestro de Cappella* ma riedtx li jirriżenja minn din il-kariga. Dan juri kemm kien kburi b'din il-kariga Zerafa, ma nafux jekk kienx hemm ċerta rivalità bejn dawn iż-żewġ kompożituri kbar. Meta fl-1787 Mro Zerafa minħabba saħħtu ma setax jibqa, Mro Francesco Azopardi laħaq minn floku

bħala *Maestro de Capella*. Wara marda qasira Francesco miet fid-dar tiegħu quddiem l-isptar Santu Spirtu fl-1809 fl-età ta' 61 sena fejn sarlu funeral solenni fil-Katidral tal-Imdina fejn ġie midfun. Il-mużika ta' Francesco hija vasta, fl-arkivju tal-Katidral insibu mal-250 biċċa ta' musika sagra, iżda bi sfortuna l-mużika sekulari ħafna minnha hija mitlufa.

149 *A treatise on Counterpoint and Fuge by Luigi Cherubini*, Translated by Mary Couden Clarke, New Edition, Revised by Joseph Bennett. London and New York Novello, Enver and Co. 1884. p.46. Third section-imitations in three and in four voices. All the kinds of imitations mentioned in two preceding sections may be treated in three, four, and even larger number of parts. Azopardi, a Maltese composer, made use of two given subjects, upon which it is good practice to write all sorts of imitations, either in an interval above, or in an interval below. This method may first be pursued; it can be no other than extremely advantageous in the study of imitations, and will help the pupil in his labour.

150 Herbert Ganado. *Rajt Malta Tinbidel,* p.91. vol 1.

151 Duminku Micallef, *Il-Banda l'Isle Adam tar-Rabat u l-Imnarja tal-1800*.

152 Noel D'Anastas, *Il-Mużika fil-festa ta' San Ġużepp fir-Rabat (1827-1850)*.

153 Micallef.

154 Neville Muscat. *Għaqda Mużikali L'Isle Adam, L-istorja tal-Każini tal-Banda F'Malta u Għawdex*.





GARY'S DISCOUNT STORE

Triq San Trofimu, Rabat Tel: 27036300

Opening Hours:
Mon, Tues, Thurs & Fri mill-5:30am sas-7:00pm
Wed & Sat mill-5:30am sas-1:00pm

*Fresh Fruits & Vegetables, Groeries,*
*Detergents & all you require for your daily needs*

